Numru ta' Referenza tal-Kuntratt *Contract Reference Number*	Titlu tal-Kuntratt/ Suġġett tal-Kuntratt *Contract Title/Subject of Contract*	Data Approvata *Approval Date*	Isem tal-Kuntrattur *Contractor's Name*	%Varjazzjoni mill-Valur tal-Kuntratt Oriġinali *% Variation from Original Contract Value*	Valur tal-Kuntratt Oriġinali VAT eskluża *Original Contract Value Excl. VAT*	Varjazzjoni f'€VAT eskluża *Variation in €Excl. VAT*	Valur tal-Kuntratt Finali VAT eskluża *Final Contract Value Excl. VAT*
SPD6/ 2021/016	Demolition and Reconstruction of Gomorino Bridge and Road Including Railing Off Triq il-Maltin Internati u Eżiljati, Mdina	18/10/2022	Bonnici Bros Services Ltd	42.18%	€456,409.80	€192,515.14	€648,924.94
SPD6/ 2021/023	Upgrading of the Irrigation and Landscaping Works, at the BOV Adventure Park, in an Environmentally Friendly Manner, at the Malta National Park, Ta' Qali	23/11/2022	Piscopo Garden Ltd	24.36%	€209,524.50	€51,042.88	€260,567.38
SPD6/ 2021/027	Work Tender for the Restoration of Facades at Palazzo Xara, Triq San Pawl c/w Triq San Ġużepp Rabat (Malta)	06/12/2022	Irrecs Ktd	9.85%	€38,084.50	€3,750.00	€41,834.50
SPD6-2021-006	Framework Agreement for the Provision of Hot-Dip Galvanizing to the MSD-PWD	06/12/2022	J.P. Baldacchino & Co. Ltd.	30.00%	€30,925.00	€9,277.50	€81,987.00
CT2349/ 2020	Design and build play equipment for the BOV Adventure Park at Ta' Qali	10/10/2022	Gokker	18.29%	€399,854.56	€73,145.78	€554,987.34
MTIP/ WID/004/ 2021	Framework Agreement for the Hire of Low-Emission Self-Drive Cars to the Ministry for Public Works and Planning	04/11/2022	Alpine Rent-A-Car	50.00%	€37,303.00	€18,651.50	€55,954.50

MINISTERU GĦAX-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI U L-IPPJANAR

Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti, Diviżjoni tas-Sapport tal-Istrateġija u Servizzi, Uffiċċju taċ-Chief Information Officer

Lista ta' direct contracts mogħtija mill-Ministeru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar, Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti, Diviżjoni tas-Sapport tal-Istrateġija u Servizzi, Uffiċċju taċ-Chief Information Officer matul il-perjodu bejn l-1 ta' Lulju, 2022 u l-31 ta' Diċembru, 2022, ippubblikata skont ir-Regolament 111 (2) tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi (L.S. 601.03).

Id-19 ta' Settembru, 2023

MINISTRY FOR PUBLIC WORKS AND PLANNING

Permanent Secretary's Office, Strategy Support and Services Division, Office of the Chief Information Officer (MPWP)

List of Direct Contracts awarded by the Ministry for Public Works and Planning, Permanent Secretary's Office, Strategy Support and Services Division, Office of the Chief Information Officer (MPWP) during the period between 1st July, 2022 and 31st December, 2022, published in terms of Regulation 111(2) of the Public Procurement Regulations S.L. 601.03

19th September, 2023

Nru. *No.*	Numru ta' Referenza tad-Direct Contract *Direct Contract Reference Number*	Titlu tad-Direct Contract/ Suġġett tad-Direct Contract *Direct Contract Title/Subject of Direct Contract*	Data tal-Għotja *Award Date*	Isem tal-Kuntrattur *Contractor's Name*	Valur tal-Kuntratt VAT Eskluża *Contract Value Excl. VAT*
1	LA_107-2022	Provision of Consultancy Services with reference to the Condominium Act	17/08/2022	Malta University Consulting	€7,011.00
2	LA_108-2022	Operational Review of the Building and Construction Authority	17/08/2022	Grant Thornton	€9,450.00
3	LA_126-2022	Procurement of a Fully Expensed Vehicle (Mazda 3-4 Door SkyActive X) for Permanent Secretary	07/09/2022	Gasan Zammit Motors Ltd	€20,353.51
4	LA_135-2022	Consultancy Services (01.09.2022 to 30.08.2023)	30/09/2022	Mr Jake Adam Azzopardi	€9,880.00
5	LA_172-2022	Provision of Services comprising of Photography, Videography, Editing of Footage and Photos, and a Teleprompter service (22.08.2022 to 06.03.2023)	22/08/2022	G Media	€8,400.00
6	LA_176-2022	Leasing of a Vehicle for a period of Twelve (12) Months	03/11/2022	Sixt Rent a Car	€5,580.00
7	LA_188-2022	Provision of Digital Communication and Mediatic Advisory Services (16.08.2022 to 04.04.2023)	16/08/2022	Antilia Ltd.	€8,250.00
8	LA_197-2022	Procurement of a SiteCam Construction Site Reporting Software	25/11/2022	SeePilot Pty Ltd	€9,980.00

KUNSILL LOKALI IŻ-ŻEJTUN

Sospensjoni tat-Traffiku

Il-Kunsill Lokali ż-Żejtun jgħarraf illi nhar is-Sibt, 23 ta' Settembru, 2023, minn nofsinhar sal-11.59 p.m., it-toroq li ġejjin se jkunu magħluqa: Vjal il-25 ta' Novembru (minn Triq Alfredo Cachia Zammit), Misraħ Karlu Diacono, Triq il-Madonna tal-Bon Kunsill, Misraħ Gregorio Bonici, Misraħ ir-Repubblika, u Triq San Girgor.

Trasport pubbliku se jkun affettwat. Uffiċjali se jkunu fil-post biex jassistu.

Id-19 ta' Settembru, 2023

ŻEJTUN LOCAL COUNIL

Traffic Suspension

The Żejtun Local Council notifies that on Saturday, 23rd September, 2023, from noon till 11.59 p.m., the following streets shall be closed: Vjal il-25 ta' Novembru (from Triq Alfredo Cachia Zammit), Misraħ Karlu Diacono, Triq il-Madonna tal-Bon Kunsill, Misraħ Gregorio Bonici, Misraħ ir-Repubblika, and Triq San Girgor.

Public transport will be affected. Officers will be on site to assist.

19th September, 2023

KUNSILL LOKALI ĦAŻ-ŻEBBUĠ

Sospensjoni ta' Traffiku u Parkeġġ

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żebbuġ jgħarraf illi nhar il-Ħamis, 21 ta' Settembru, 2023 , Triq Sciortino, Misraħ San Filep, Triq Mons. Milanesi, Triq Luret Vella u Triq il-Kbira se jkunu magħluqa għat-traffiku mis-6.00 a.m. sas-1.00 p.m. Mhux se jkun jista' jsir parkeġġ f'dawn it-toroq u se ssir il-clearance tal-karrozzi.

Id-19 ta' Settembru, 2023

ĦAŻ-ŻEBBUĠ LOCAL COUNCIL

Suspension of Traffic and Parking

The Ħaż-Żebbuġ Local Council notifies that Triq Sciortino, Misraħ San Filep, Triq Mons. Milanesi, Triq Luret Vella and Triq il-Kbira will be closed for traffic on Thursday, 21st September, 2023, from 6.00 a.m.to 1.00 p.m. Parking will not be allowed and there will be clearance of cars.

19th September, 2023

KUNSILL LOKALI ĦAL QORMI

Sospensjoni ta' Traffiku u Parkeġġ

Il-Kunsill Lokali Ħal Qormi jgħarraf li ħadd ma jista' jipparkja:

Mill-Erbgħa, 20 ta' Settembru, 2023 sat-Tnejn, 25 ta' Settembru, 2023, ser tingħalaq Triq il-Kolleġġjata mis-7.00 a.m. 'il quddiem;

Triq il-Kbira mill-Knisja sa Triq Santa Katarina se tingħalaq mill-Ġimgħa, 22 ta' Settembru, 2023 sat-Tnejn, 25 ta' Settembru, 2023. Ħadd ma jista' jipparkja fl-istess triq mill-Erbgħa, 20 ta' Settembru, 2023 sat-Tnejn, 25 ta' Settembru, 2023;

Nhar l-Erbgħa, 20 ta' Settembru, 2023, u t-Tnejn, 25 ta' Settembru, 2023, ħadd ma jista' jipparkja fi Triq il-Kardinal Xiberras u Triq il-Kbira.

Transport pubbliku se jkun iddevjat skont l-istruzzjonijiet tal-uffiċjali tat-traffiku.

Vetturi pparkjati jiġu rmunkati.

Id-19 ta' Settembru, 2023

ĦAL QORMI LOCAL COUNCIL

Suspension of Traffic and Parking

The Ħal Qormi Local Council notifies that no parking is allowed:

From Wednesday, 20th September, 2023 till Monday, 25th September, 2023, Triq il-Kolleġġjata will be closed from 7.00 a.m. onwards;

Triq il-Kbira from the church till Triq Santa Katarina, road will be closed from Friday, 22nd September, 2023 till Monday, 25th September, 2023. No parking is allowed in the same street from Wednesday, 20th September, 2023 till Monday, 25th September, 2023;

On Wednesday, 20th September, 2023, and Monday, 25th September, 2023, no parking is allowed in Triq il-Kardinal Xiberras and Triq il-Kbira.

Public transport will be diverted as instructed by traffic officials.

Parked cars will be towed.

19th September, 2023

AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

L-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, Awtorità tal-Artijiet, jgħarraf li:

Offerti ssiġillati għall-avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-kaxxa tal-offerti tal-Awtorità tal-Artijiet, Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta, sal-10.00 a.m. tal-Ħamis, 28 ta' Settembru, 2023, għal:

Avviż Nru. 44. Kiri, għall-perjodu li fadal tal-kirja preżenti li jintemm fil-31 ta' Mejju, 2028, tal-ħanut vojt tale quale f'Nru. 116, Ċentru Ċiviku, Misraħ Paola, Paola, kif muri bl-aħmar u mmarkat Shop 116 fuq il-pjanta P.D.69_93_A_2. Il-kerrej preżenti ma jridx jibqa' fil-kirja u terz interessat lest li jidħol għar-rimanenti perjodu ta' din il-kirja. Dan it-terz interessat għandu d-dritt tal-ewwel rifjut riżervat favurih skont Artikolu Nru. 3 (1) tal-Avviż Legali Nru. 573.02. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €18,900 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' sitt elef u tliet mitt ewro (€6,300) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Irid isir ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru. 45. Kiri, għall-perjodu ta' ħmistax-il (15) sena, ta' garaxx tale quale mingħajr l-arja tiegħu f'Nru. 8, 'Appartamenti Indipendenza', Triq id-Dawl, Santa Luċija, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.11_82_114. Dan il-garraxx ma jistax jinxtara bl-iskema tal-garaxxijiet. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €20,649 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' sitt elef u tmien mija u tlieta u tmenin ewro (€6,883) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru. 46. Għotja b'ċens perpetwu revedibbli ta' sit tale quale adjaċenti ma' Plott Nru. 3, Triq it-Tari, Ta' Wied Għomor fil-limiti tas-Swieqi, Is-Swieqi, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.2022_0615_2. Min jirbaħ l-offerta għandu ċans sabiex jifdi dan iċ-ċens matul l-ewwel ħmistax-il (15) sena wara reviżjoni skont ir-rata tal-inflazzjoni kif hemm spjegat bid-dettall fuq il-kundizzjonijiet taċ-ċens. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €6,695 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' elfejn u mitejn u wieħed u tletin ewro u sittin ċenteżmu (€2,231.60) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru. 47. Għotja b'ċens perpetwu revedibbli ta' sit tale quale adjaċenti ma' Plott Nru. 4, Triq it-Tari, Ta' Wied Għomor fil-limiti tas-Swieqi, Is-Swieqi, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.2022_0615_3. Min jirbaħ l-offerta għandu

LANDS AUTHORITY

The Chief Executive Officer, Lands Authority, notifies that:

Sealed tenders in respect of the following advertisements have to be deposited in the tender box at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta, by 10.00 a.m. on Thursday, 28th September, 2023, for:

Advt No. 44. Lease, for the remaining period of the present lease which ends on the 31st May, 2028, of the bare Shop tale quale No. 116 Civic Centre, Misraħ Paola, Paola, as shown edged in red and marked Shop 116 on plan P.D.69_93_A_2 . The present tenant does not want to remain in the lease and an interested third party is ready to assume the remaining term of this lease. The interested third party has been reserved the right of first refusal as per Article No. 3 (1) of Legal Notice 573.02. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €18,900 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of six thousand and three hundred euro (€6,300) per annum will not be considered. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

Advt No. 45. Lease, for a period of fifteen (15) years, of a garage tale quale without its own airspace at No. 8 'Appartamenti Indipendenza', Triq id-Dawl, Santa Luċija, as shown edged in red on plan P.D.11_82_114. This garage cannot be bought by the garage scheme. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €20,649 as stipulated in the tender conditions.Offers below the amount of six thousand and eight hundred and eighty-three euro (€6,883) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

Advt No. 46. Grant on a perpetual revisable emphyteusis of a site tale quale adjacent to Plot No. 3, Triq it-Tari, Ta' Wied Għomor in the limits of Swieqi, Swieqi, as shown edged in red on the plan P.D. 2022_0615_2. The winning bidder has the chance to redeem this emphyteusis within the first fifteen (15) years after a revision according to the rate of inflation as explained in detail in the emphyteutical conditions. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €6,695 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of two thousand and two hundred and thirty-one euro and sixty cents (€2,231.60) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

Advt No. 47. Grant on a perpetual revisable emphyteusis of a site tale quale adjacent to Plot No. 4, Triq it-Tari, Ta' Wied Għomor in the limits of Swieqi, Swieqi, as shown edged in red on the plan P.D. 2022_0615_3. The winning bidder has

ċans sabiex jifdi dan iċ-ċens matul l-ewwel ħmistax-il (15) sena wara reviżjoni skont ir-rata tal-inflazzjoni kif hemm spjegat bid-dettall fuq il-kundizzjonijiet taċ-ċens. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €1,750 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' ħames mija u tlieta u tmenin ewro u ħames ċenteżmi (€583.05) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Dawn l-avviżi qegħdin jiġu ppubblikati bħala stedina għall-pubbliku sabiex jakkwista d-dokumenti tal-offerta online. L-offerenti għandhom jirreferu għall-kundizzjonijiet kollha tad-dokument tal-offerta u huma mitluba li jaqraw sew dawn id-dokumenti. L-offerti għandhom isiru biss fuq il-formola preskritta, li flimkien mal-kundizzjonijiet rilevanti u dokumenti oħra jistgħu jinkisbu billi tagħżel 'Buy Tender' fuq il-paġna ta' dawn l-offerti fis-sit (https://landsauthority.org.mt/services/tendering/). Il-ħlas ta' ħamsin ewro (€50) għandu jsir permezz tas-sistema online tas-sit tal-Awtorità tal-Artijiet.

Id-19 ta' Settembru, 2023

CENTRAL PROCUREMENT u SUPPLIES UNIT

Id-Direttur Maniġerjali (Procurement and Supplies), Ministeru għas-Saħħa, jgħarraf illi:

Jintlaqgħu offerti elettroniċi rigward l-avviżi li ġejjin sad-9.30 a.m. tat-Tlieta, 10 ta' Ottubru, 2023. L-offerti għandhom jintbagħtu BISS online fuq (www.etenders.gov.mt) għall-provvista ta':

CFT 020-4166/23. 'Carotid shunts'
CFT 020-4167/23. 'Prone position pillows and arm cradle pillow for operating theatre use'
CFT 020-4168/23. 'Consumable for Neurosurgery'
CFT 021-4169/23. 'Codeine Linctus'
CFT 021-4170/23. 'Varicella Zoster Immunoglobulin'
CFT 021-4171/23. 'Prochlorperazine Maleate 5mg tablets'
CFT 020-4172/23. 'Guide catheter delivered thin screw in bipolar pacing leads supplied with guide catheters'
CFT 020-4173/23. 'Povidone Iodine Aqueous solution'

Jintlaqgħu offerti elettroniċi rigward l-avviżi li ġejjin sad-9.30 a.m. tat-Tlieta, 17 ta' Ottubru, 2023. L-offerti għandhom jintbagħtu BISS online fuq (www.etenders.gov.mt) għal:

CFT 009-4165/23. Provvediment ta' servizzi ta' manutenzjoni fil-'vetical transportation systems' fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex.

Id-dokumenti tal-offerta huma mingħajr ħlas.

the chance to redeem this emphyteusis within the first fifteen (15) years after a revision according to the rate of inflation as explained in detail in the emphyteutical conditions. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €1,750 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of five hundred and eighty-three euro and five cents (€583.05) per annum will not be considered.This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

These adverts are being published as an invitation to the public to acquire tender documents online. The bidders are to refer to all the conditions of the tender document and are invited to carefully read these conditions. Tenders should be submitted only on the prescribed form, which together with the relevant conditions and other documents, may be obtained by clicking on 'Buy Tender' on the webpage where these tenders are available on (https://landsauthority.org.mt/services/tendering/). A fee of fifty euro (€50) must be paid through the online system of the Lands Authority website.

19th September, 2023

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The Managing Director (Procurement and Supplies), Ministry for Health, notifies that:

Electronic tenders in respect of the following notices will be received till 9.30 a.m. of Tuesday, 10th October, 2023. Tenders are to be submitted ONLY online on (www.etenders.gov.mt) for the supply of:

CFT 020-4166/23. Carotid shunts
CFT 020-4167/23. Prone position pillows and arm cradle pillow for operating theatre use
CFT 020-4168/23. Consumable for Neurosurgery
CFT 021-4169/23. Codeine Linctus
CFT 021-4170/23. Varicella Zoster Immunoglobulin
CFT 021-4171/23. Prochlorperazine Maleate 5mg tablets
CFT 020-4172/23. Guide catheter delivered thin screw in bipolar pacing leads supplied with guide catheters
CFT 020-4173/23. Povidone Iodine Aqueous solution

Electronic tenders in respect of the following notices will be received till 9.30 a.m. of Tuesday, 17th October, 2023. Tenders are to be submitted ONLY online on (www.etenders.gov.mt) for:

CFT 009-4165/23. Provision of maintenance services on vertical transportation systems at the Gozo General Hospital

These tender documents are free of charge.

Id-dokumenti tal-offerti jinkisbu biss mill-Electronic Public Procurement System (www.etenders.gov.mt). Ir-reġistrazzjoni hija meħtieġa sabiex ikun jista' jintuża s-sit elettroniku. Operaturi ekonomiċi Maltin għandu jkollhom l-eID tal-organizzazzjoni tagħhom sabiex ikunu jistgħu jidħlu f'dan is-sit elettroniku. Aktar tagħrif jinkiseb mis-sezzjoni tal-FAQ tal-istess sit.

Il-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u l-iskedar tal-offerti fil-ħinijiet u d-dati msemmija hawn fuq.

Id-19 ta' Settembru, 2023

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Id-Direttur Maniġerjali (Sourcing and Supplies Management) għas-Central Procurement u Supplies Unit fil-Ministeru għas-Saħħa, jgħarraf illi s-sottomissjonijiet tal-ERU Competitive Calls għandhom jintlaqgħu sal-10.00 a.m. tal-Erbgħa, 20 ta' Settembru, 2023.

ERU1409U23 – Medicinal
ERU1409U23 – Devices
ERU1409U23A
ERU1409U23B
ERU1409U23C

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa għal kompetizzjoni għandhom jiġu sottomessi skont l-istruzzjonijiet mogħtija fid-dossier.

Id-19 ta' Settembru, 2023

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Id-Direttur Maniġerjali (Sourcing and Supplies Management) għas-Central Procurement u Supplies Unit fil-Ministeru għas-Saħħa, jgħarraf illi s-sottomissjonijiet tal-ERU Competitive Calls għandhom jintlaqgħu sal-10.00 a.m. tal-Ħamis, 21 ta' Settembru, 2023.

ERU Ref. ERU1509U23 – Medicinal
ERU Ref. ERU1509U23 – Devices
ERU Ref. ERU1509U23A
ERU Ref. ERU1509U23B

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa għal kompetizzjoni għandhom jiġu sottomessi skont l-istruzzjonijiet mogħtija fid-dossier.

Id-19 ta' Settembru, 2023

Tender documents are only obtainable from the Electronic Public Procurement System (www.etenders. gov.mt). Registration is required in order to make use of this website. Maltese economic operators need to be in possession of their organisation eID in order to access this website. More information is available from the FAQ section of the same website.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders at the times and dates specified above.

19th September, 2023

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The Managing Director (Sourcing and Supplies Management) for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health, notifies that submissions for the below listed ERU Competitive Calls will be received up to 10.00 a.m. on Wednesday, 20th September, 2023.

ERU1409U23 – Medicinal
ERU1409U23 – Devices
ERU1409U23A
ERU1409U23B
ERU1409U23C

Emergency Response Unit (ERU) Competitive Calls can be downloaded from the CPSU website.

Submissions for this call for competition are to be submitted as per instructions given in the dossier.

19th September, 2023

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The Managing Director (Sourcing and Supplies Management) for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health, notifies that submissions for the ERU Competitive Calls will be received up to 10.00 a.m. of Thursday, 21st September, 2023.

ERU Ref. ERU1509U23 – Medicinal
ERU Ref. ERU1509U23 – Devices
ERU Ref. ERU1509U23A
ERU Ref. ERU1509U23B

Emergency Response Unit (ERU) Competitive Calls can be downloaded from the CPSU website.

Submissions for this call for competition are to be submitted as per instructions given in the dossier.

19th September, 2023

KUNSILL LOKALI L-GĦARB

Il-Kunsill Lokali l-Għarb jgħarraf illi:

Sejħiet għall-offerti jintlaqgħu mill-Kunsill Lokali l-Għarb sal-10.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, 19 ta' Settembru, 2023, għal:

Avviż Nru. GRB/10/23. Provvisti – provvista ta' 'digital interactive centre' għall-Kunsill Lokali l-Għarb relatat mal-proġett Interreg V-A Italia-Malta AMPPA.

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jiġu miksuba, imniżżla u milqugħa BISS minn fuq is-sit elettroniku tal-etenders (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument tal-offerta jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

Id-19 ta' Settembru, 2023

GĦARB LOCAL COUNCIL

The Għarb Local Council notifies that:

Tenders will be received at the Għarb Local Council up to 10.00 a.m. on Tuesday 19th September, 2023, for:

Advt No. GRB/10/23. Supplies – Supply of a digital interactive centre for the Għarb Local Council in relation with Interreg V-A Italia-Malta AMPPA project.

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

19th September, 2023

Programm INTERREG V-A Italja-Malta
Programm parzjalment iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea
Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR)
Rata ta' kofinanzjament: 85% Fondi Ewropej; 15% Fondi Nazzjonali

INTERREG V-A Italy-Malta Programme
Programme part-financed by the European Union
European Regional Development Fund (ERDF)
Co-financing rate: 85% EU Funds; 15% National Funds

KUNSILL LOKALI N-NAXXAR

Il-Kunsill Lokali n-Naxxar jgħarraf illi:

Sad-9.30 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, 6 ta' Ottubru, 2023, jintlaqgħu offerti permezz tal-ePPS mill-Kunsill Lokali n-Naxxar, għal:

Avviż Nru. NLC/05/2023. Provvista biss ta' dawl dekorattiv fi Triq il-Markiż Giuseppe Scicluna u Triq Castro fin-Naxxar.

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jiġu miksuba/imniżżla u milqugħa BISS minn fuq is-sit elettroniku tal-etenders (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

Id-19 ta' Settembru, 2023

NAXXAR LOCAL COUNCIL

The Naxxar Local Council notifies that:

Tenders will be received through ePPS at the Naxxar Local Council up to Friday, 6th October, 2023, at 9.30 a.m., for:

Advt No. NLC/05/2023. Supply only of decorative luminaires for Triq il-Markiż Giuseppe Scicluna and Triq Castro in Naxxar.

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the quotation document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

19th September, 2023

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

1825

Ikun jaf kulħadd illi permezz ta' digriet mogħti fis-27 ta' Ġunju, 2023, mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, fl-atti rikors ġuramentat numru 36/2023(SG) fl-ismijiet 'Paul Portelli vs Joseph Portelli' ppreżentat fir-Reġistru fil-Qorti msemmija fl-10 ta' April, 2023, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt hawn taħt riprodott u dan sabiex iservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Joseph Portelli ta' 64, Triq il-Knisja, In-Nadur, Għawdex, u dan ai termini tal-artiklu 187(3) tal-Kapitlu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Min jirċievi dan ir-rikors maħluf kontra tiegħu għandu jippreżenta r-risposta maħlufa tiegħu fi żmien għoxrin (20) jum mid-data tan-notifika, ċjoè minn meta jirċeviha. Jekk ma tiġix preżentata r-risposta maħlufa bil-miktub kif trid il-liġi saż-żmien imsemmi, il-Qorti tgħaddi biex tagħti d-deċiżjoni skont il-liġi.

Għalhekk huwa fl-interess ta' min jirċievi dan ir-rikors maħluf li jkellem avukat bla dewmien sabiex il-Qorti tisma x'għandu xi jgħid fil-kawża.

Rikors Ġuramentat numru 36/2023

Paul Portelli (karta tal-identità numru 41347G), Australia House, Triq Ta' Ħida, In-Nadur, Għawdex

vs

Joseph Portelli, 64, Triq il-Knisja, In-Nadur, Għawdex

Rikors Ġuramentat ta' Paul Portelli ta' Australia House, Triq Ta' Ħida, In-Nadur, Għawdex (karta tal-identità numru 41347G)

Jesponi bir-rispett u bil-ġurament tiegħu Paul Portelli (karta tal-identità numru 41347 G) jikkonferma:

1 . Illi 1-attur jaħdem raba' magħruf bħala 'Ta' Majża' fil-limiti tan-Nadur, Għawdex;

2. Illi 1-konvenut Joseph Portelli għandu raba' fl-istess inħawi li 1-attur irid jgħaddi minn fuqu biex jaċċedi għar-raba' tiegħu;

3. Illi biex jaċċedi għar-raba' tiegħu 1-attur dejjem kien juża passaġġ ta' ħames piedi wisa' tant li sa ftit taż-żmien ilu kien jgħaddi minn dan il-passaġġ bil-moħriet bil-karru u dan kien jiffaċilita li jkun jista' jdaħħal il-materjal li jkun hemm bżonn fir-raba' tiegħu kif ukoll li joħroġ il-wiċċ fuq 1-istess karru tal-moħriet;

It is hereby notified that by virtue of a decree given on the 27th of June, 2023, given by the Court of Magistrates (Gozo) Superior Jurisdiction, General Section, in the records of sworn application number 36/2023(SG) in names 'Paul Portelli vs Joseph Portelli' filed in the Registry of the said Court on the 10th of April, 2023, the publication of the extract reproduced hereunder was ordered and this in order to serve as a notification in regard to the respondent Joseph Portelli of 64, Triq il-Knisja, Nadur, Gozo, and this in terms of article 187(3) of Cap. 12 of the Laws of Malta.

Whoever receives this sworn application against him must present his sworn reply within twenty (20) days from the date of notification, namely from when he receives it. If the written sworn answer is not presented as required by law by the time stated, the Court will proceed to give its decision according to law.

Therefore, it is in the interest of the recipient of this sworn application to speak to a lawyer without delay so that the Court can hear what he has to say in the case.

Sworn Appeal number 36/2023

Paul Portelli (identity card number 41347G), Australia House, Triq Ta' Ħida, Nadur, Gozo

vs

Joseph Portelli, 64, Triq il-Knisja, Nadur, Gozo

Sworn application of Paul Portelli of Australia House, Triq Ta' Ħida, Nadur, Gozo (identity card number 41347G)

Respectfully declares and on his oath Paul Portelli (identity card number 41347 G) confirms:

1. Whereas the plaintiff tills fields known as 'Ta' Majża' within the limits of Nadur, Gozo;

2. Whereas the defendant Joseph Portelli has fields in the same area that the plaintiff must pass over to access his field;

3. Whereas to access his land the plaintiff always used a passageway of five feet wide so much so that until a little while ago he used to pass through this passageway with a plough with a trailer and this made it easier for him to be able to carry material that is needed in his field as well as to carry out the crops with the same plough with its trailer;

4. Illi 1-konvenut proprju f'Ottubru li għadda (tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022)) qabad u ċekken dan il-passaġġ għal madwar erba' piedi b'tali mod li minn dakinhar 'il quddiem 1-atturi ma setax jaċċedi iżjed għar-raba' tiegħu bil-moħriet bil-karru miegħu;

5. Illi dan wassal biex 1-attur ma setax ikompli jaħdem ir-raba' tiegħu bl-istess faċilità li kien jaħdimha qabel stante li 1-aċċess għall-istess raba' ġie ristrett mill-konvenut;

6. Illi għalhekk 1-attur bagħat ittra uffiċjali lill-konvenut liema ittra ġġib in-numru 640/2022;

7. Illi 1-attur jaf dawn il-fatti kollha personalment.

Jgħid għalhekk il-konvenut Joseph Portelli għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex prevja kwalsijasi ordni li jidhriliha xierqa u opportuna:

1. Tiddikjara illi 1-attur għandu dritt ta' mogħdija minn passaġġ wiesa' ħames piedi għar-raba' tiegħu fl-inħawi 'Ta' Majża' fil-limiti tan-Nadur, Għawdex;

2. Tiddikjara illi 1-konvenut ċekken dan il-passaġġ minn ħames piedi għal erba' piedi b'tali mod li 1-attur ma jistax jaċċedi għar-raba' tiegħu bil-moħriet bil-karru;

3. Konsegwentement tordna lill-konvenut sabiex jerġa' jwessa' 1-passaġġ għal kif kien qabel Ottubru 2022 u dan fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilu prefiss u fin-nuqqas tordna lill-attur li jkun huwa li jagħmel dawn ix-xogħlijiet jekk hemm bżonn taħt is-superviżjoni ta' perit nominat għal dan 1-iskop minn din 1-Onorabbli Qorti

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali numru 640/2022, tal-ittri interpellatorji, u bl-inġunzjoni tal-konvenut li minn issa huwa inġunt għas-subizzjoni.

(iffirmat) Avukat Dott. Chris Said

Il-kawża hija differita għat-28 ta' Settembru, 2023, fid-9.20 a.m, fl-edifizzju tal-Qorti ta' Għawdex, Misraħ il-Katidral, Ir-Rabat, Għawdex.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Illum 11 ta' Settembru, 2023

MARGARET DE BATTISTA
Assistent Reġistratur, għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

4. Whereas the defendant just last October (of the year two thousand and twenty-two (2022)) reduced this passageway to about four feet in such a way that from then on the plaintiff could not anymore get access to his field with the plough with its cart;

5. Whereas this led to the plaintiff not being able to continue tilling his field with the same ease as he used to till it before since the access to the same field was restricted by the defendant;

6. Whereas therefore the plaintiff sent a judicial letter to the defendant which letter bears the number 640/2022;

7. Whereas the plaintiff is cognizant of all these facts personally.

The defendant Joseph Portelli therefore has to state why this Honourable Court should not, prior to giving any order that it deems appropriate and opportune:

1. Declare that the plaintiff has a right of way through a five feet wide passageway to his field in the 'Ta' Majża' area within the limits of Nadur, Gozo;

2. Declare that the defendant has reduced this passage from five feet to four feet in such a way that the plaintiff cannot access his field with a plough with its trailer;

3. Consequently, order the defendant to widen again the passage to what was it before October 2022 and this in a short and peremptory time that will be prefixed to him, and in default order the plaintiff to do these works if necessary under the supervision of an architect appointed for this purpose by this Honourable Court

With costs, including those of the judicial letter number 640/2022, of the preliminary letters, and with the summons of the defendant for his testimony.

(signed) Advocate Dr Chris Said

The case is adjourned to the 28th of September, 2023, at 9.20 a.m, at the Gozo Court building, Misraħ il-Katidral, Victoria, Gozo.

Registry of the Court of Magistrates (Gozo)

This 11th of September, 2023

MARGARET DE BATTISTA
Assistant Registrar, for the Registrar, Courts and Tribunals (Gozo)

1826

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fl-10 ta' Mejju, 2023, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 247/2023RGM, li ġie ppreżentat fl-10 ta' Marzu, 2023, fl-ismijiet: Bugeja Paul pro et noe vs CD Lifts Ltd, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap.12 biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat. Ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tikkundanna u tordna lis-soċjetà intimata tirrifondi u tħallas is-somma ta' dsatax-il elf u tmien mitt ewro (€19,800). Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet kollha kontra l-intimat li huwa inġunt għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għad-19 ta' Settembru, 2023, fid-9.00 a.m.

Notifika Intimat: CD Lifts Ltd, Geo, Flat 3, Vjal l-Indipendenza, Il-Mosta

Curti Luciano, Company Secretary, CD Lifts Ltd, 6, Vella Vista, Blk D, Flat 8, Triq il-Klamari, San Pawl il-Baħar

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 13 ta' Settembru, 2023

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree issued by the Civil Court, First Hall, on the 10th May, 2023, in the acts of Sworn Application number 247/2023RGM, which was presented on the 10th March, 2023, in the names: Bugeja Paul pro et noe vs CD Lifts Ltd, the following publication was ordered, pursuant to Article 187(3) et seq. of Cap. 12 to serve as a notification against the respondent. The applicant asked this Honorable Court to, among others: Condemn and order the respondent society to refund and pay the sum of nineteen thousand and eight hundred euro (€19,800). With all costs and interest against the respondent who is now summoned so that a reference to his evidence be made.

The Sworn Application in the names mentioned above is postponed to 19th September, 2023, at 9.00 a.m.

Notification Respondent: CD Lifts Ltd, Geo, Flat 3, Vjal l-Indipendenza, Mosta

Curti Luciano, Company Secretary, CD Lifts Ltd, 6, Vella Vista, Blk D, Flat 8, Triq il-Klamari, St Paul's Bay

Register of the Superior Courts, today 13th September, 2023

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1827

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fit-12 ta' Ġunju, 2023, fuq talba ta' Strand Marine & Auto Systems Limited ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lil The Wild Goose Co Limited u Michael u Gillian konjuġi Gialanze fl-atti taċ-ċedola ta' depożitu numru 234/2016 fl-ismijiet Strand Marine & Auto Systems Limtied vs Kuraturi Deputati et u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' ċedola ta' depożitu fil-Qorti tal-Appell, fl-ismijiet Strand Marine & Auto Systems Limited (C-13370) vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lil Wild Goose Company Limited (C26529) u Michael u Gillian konjuġi Gialanze, dawn tal-aħħar għal kull interess li jista' jkollhom, ippreżentata fl-1 ta' Diċembru, 2016 ir-rikorrenti Strand Marine & Auto Systems Ltd fejn l-esponenti qed jadixxu lil din l-Onorabbli Qorti u taħt l-awtorità tal-istess qed jgħaddu sabiex jiddepożitaw is-somma ta' €7,472.00 sabiex jagħmlu tajjeb għall-ispejjeż tal-appell.

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

By means of a decree given by this Court on the 12th June, 2023, following a request by Strand Marine & Auto Systems Limited it was ordered that deputy curators be chosen to represent The Wild Goose Co Limited and Michael and Gillian spouses Gialanze in the acts of the application number 234/2016 in the names Strand Marine & Auto Systems Limited vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a schedule of deposit, filed in the Court of Appeal, in the names Strand Marine & Auto Systems Limited (C13370) vs Deputy Curators to represent The Wild Goose Company Limited (C26529) and Michael and Gillian spouses Gialanze the latter for any interest they may have, on 1st December, 2016, the applicant Strand Marine & Auto Systems Limited are calling upon this Honourable Court and under the authority of the same they are depositing the sum of €7,472.00 to cover the costs of the appeal.

Rikorrenti: Valdor Buildings, Triq is-Sebħ, Ħal Qormi, QRM 9055

Notifika: Kuraturi deputati, Il-Qorti, Il-Belt Valletta

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti tal-Appell hawn fuq imsemmija biex xhieda tal-Onor. Prim'Imħallef Mark Chetcuti. LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 12 ta' Ġunju, 2023

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 15 ta' Settembru, 2023

ALEXANDRADEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali

Applicant: Valdor Buildings, Triq is-Sebħ, Ħal Qormi QRM 9055

Notification: Deputy curators, Law Courts, Valletta

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Court of Appeal, above mentioned, with the witness of the Hon. Mr Chief Justice Mark Chetcuti, LLD, Doctor of Laws.

Today 12th June, 2023

Registry of the Superior Courts, today 15th September, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1828

Permezz ta' digriet mogħti fl-10 ta' Novembru, 2022, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Adriana Borg et vs Maria Carmela sive Carmen Callus, Rikors numru 746/2022JM, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Maria Carmela sive Carmen Callus a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Adriana Borg (KI 144958M), Stefan Camilleri (KI 120861M), Santina Camilleri (KI 6566M), Marie Rome Amato Gauci (KI 437784M), Roberta Borg (KI 402059M) u Maria Von Brockdorff (KI 613956M) vs Maria Carmela sive Carmen Callus (KI 586541M) ippreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera, fis-16 ta' Settembru, 2022, ir-rikorrenti Adriana Borg et talbu lil dan il-Bord sabiex:

1. Jiffissa l-kera abbażi tal-kriterji tal-Artiklu 4A tal-Kap. 69 u dan b'effett mid-data tal-eventwali sentenza jew data oħra li jogħġbu jiffissa dan il-Bord;

2. Alternattivament u fil-każ li l-intimata ma tgħaddix mit-test tal-mezzi, jordna l-iżgumbrament tagħhom mill-

By means of a decree of the 10th November, 2022, of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names Adriana Borg et vs Maria Carmela sive Carmen Callus, Application number 746/2022JM, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Maria Carmela sive Carmen Callus in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of an application in the names Adriana Borg (ID 144958M), Stefan Camilleri (ID 120861M), Santina Camilleri (Id 6566M), Marie Rome Amato Gauci (ID 437784M), Roberta Borg (ID 402059M) and Maria Von Brockdorff (ID 613956M) vs Maria Carmela sive Carmen Callus (ID 586541M) filed before the Rent Regulation Board, on the 16th September, 2022, the applicant Adriana Borg et requested with respect so that this Board:

1. Fix the rent on the basis of the criteria of Article 4A of Cap. 69 and this with effect from the 1st June, 2021, or any other date that this Board may fix;

2. Alternatively, in case the respondent does not meet the criteria of the means test order their eviction from the

fond 14, Flat 6, Triq Pace, Tas-Sliema, a tenur tal-Artikolu 4A(4) Kap. 69 fi żmien sentejn u jiffissa l-kumpens għall-okkupazzjoni li għandha titħallas lill-esponenti għall-okkupazzjoni sad-data tal-iżgumbrament.

Bl-ispejjeż

Atturi: Adriana Borg et, Flat 2, Emerald Court, Triq Giovanni Schranz, L-Imsida

Intimata: 14, Flat 6, Triq Pace, Tas-Sliema
L-Awtorità tad-Djar

Ir-rikors fl-ismijiet Adriana Borg et vs Maria Carmela sive Carmen Callus, Rikors numru 746/2022JM, jinsab differit għall-5 ta' Ottubru, 2023, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 15 ta' Settembru, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

premises 14, Flat 6, Triq Pace, Tas-Sliema, in terms of Article 4A(4) Cap. 69 within two years and fix a compensation for the occupation and that has to be paid to the applicants for the occupation till the date of eviction.

With costs

Applicant: Adriana Borg et, Flat 2, Emerald Court, Triq Giovanni Schranz, Msida

Respondent: 14, Flat 6, Triq Pace, Tas-Sliema
Housing Authority

The application in the names Adriana Borg et vs Maria Carmela sive Carmen Callus, Application number 746/2022JM, has been postponed for hearing to the 5th October, 2023, at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 15th September, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1829

Permezz ta' digriet mogħti fil-5 ta' Lulju, 2023, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Mary Galea vs Christopher Sciberras et, Rikors numru 922/2022JG, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Christopher Sciberras a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Mary Galea (KI 285137M) vs Christopher Sciberras (KI 529272M) u l-Awtorità tad-Djar ippreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera, fl-24 ta' Novembru, 2022, ir-rikorrenti Mary Galea talbet lil dan l-Onorabbli Bord sabiex:

